Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

tat-8 ta' Lulju 2002

dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Federazzjoni Russa

(notifikata taħt id-dokument numru K(2002) 2480)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/602/KEFA)

(ĠU L 195, 24.7.2002, p. 38)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 57/2004 tas-27 ta' Ottubru 2003	L 9	1	15.1.2004
►**M2**	Regolament Tal-Kummissjoni (KE) Nru 886/2004, ta' l-4 ta' Marzu 2004	L 168	14	1.5.2004
►**M3**	Council Regulation (EC) No 1386/2004 of 26 July 2004 (*)	L 255	1	31.7.2004

Emendata minn:

►**A1**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	17	23.9.2003

NB: Din il-verżjoni konsolidata tinkludi referenzi għall-unità Ewropea ta' kont u/jew l-eku, li mill-1 ta' Jannar 1999 għandha tinftiehem bħala referenza għall-euro – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3308/80 (ĠU L 345, ta' l-20.12.1980, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Lulju 2002

dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Federazzjoni Russa

(notifikata taħt id-dokument numru K(2002) 2480)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/602/KEFA)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv u bl-approvazzjoni unanima tal-Kunsill,

Billi:

(1) Għas-snin 1995 sa l-2001 negozju f'ċerti prodotti koperti bit-Trattat li jistabbilixxi t-Trattat Ewropew tal-Faħam u l-Azzar kien is-suġġett ta' ftehim bejn il-Partijiet ([1]).

(2) Il-Komunità kkonkludiet ftehim KEFA ieħor dwar l-azzar mal-Federazzjoni Russa dwar negozju f'ċerti prodotti ta' l-azzar koperti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar li jieħu qies ta' żviluppi fir-relazzjoni bejn il-Partijiet ([2]).

(3) Dan il-ftehim jistabbilixxi limiti kwantitattivi għad-daħla f'ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità ta' ċerti prodotti ta' l-azzar bejn l-2002 sa l-2004 u jipprovdi qafas għat-tneħħija ta' restrizzjonijiet kwantitattivi basta ċerti kondizzjonijiet ikunu sodisfatti u b'mod partikolari meta dixxiplini kompatibbli fir-rigward ta' kompetizzjoni, għajnuna mill-istat u ħarsien ta' l-ambjent ikunu ġew stabbiliti fir-rigward tal-prodotti ta' l-azzar koperti mill-Ftehim.

(4) Jeħtieġ illi jkunu provduti l-mezzi sabiex ikun amministrat dan il-ftehim fil-Komunità, billi titqies l-esperjenza miksuba matul il-ftehim preċedenti.

(5) Jeħtieġ li jkun żgurat li l-oriġini tal-prodotti in kwestjoni tkun iċċekkjata u metodi xierqa ta' koperazzjoni amministrattiva jkunu mwaqqfa għal dan l-iskop.

(6) L-applikazzjoni effettiva tal-ftehim teħtieġ li jkun introdott bżonn ta' liċenza Komunitarja għall-importazzjoni għad-dħul fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tal-prodotti in kwestjoni flimkien ma' sistema sabiex ikun amministrat l-għoti ta' tali liċenza Komunitarja għall-importazzjoni.

(7) Prodotti mqiegħda f'zona ħielsa jew importati taħt l-arranġamenti li jirregolaw mħażen tad-dwana, importazzjoni temporanja jew proċessar 'il ġewwa (sistema ta' sospensjoni) ma għandhomx ikunu magħduda kontra l-limiti stabbiliti għall-prodotti in kwestjoni.

(8) Sabiex ikun żgurat li dawn il-limiti kwantitattivi ma jinqabżux, jeħtieġ li tkun stabbilita proċedura ta' immaniġjar li permezz tagħha l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ma joħorġux liċenzi għall-importazzjoni qabel ma jkollhom konferma minn qabel mill-Kummissjoni li ammonti xierqa jibqgħu disponibbli fil-limitu kwantitattiv in kwestjoni.

([1]) ĠU L 5, 8.1.1996, p. 24, ĠU L 45, 15.2.1997, p. 40, ĠU L 300, ta' l-4.11.1997, p. 51

([2]) Ara paġna 54 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

(9) Il-ftehim jipprovdi għal sistema ta' koperazzjoni bejn il-Federazzjoni Russa u l-Komunità bl-iskop li jimpedixxi skappament permezz ta' trasbord, bdil fir-rotta jew mezzi oħra; filwaqt li proċedura ta' konsultazzjoni hija stabbilita li taħtha ftehim jista' jintlaħaq mal-pajjiż konċernat fuq aġġustament ekwivalenti għal-limitu rilevanti meta jkun jidher li l-ftehim ikun ġie skappat; filwaqt li l-Federazzjoni Russa qablet ukoll li tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li kwalunkwe aġġustamenti jkunu jistgħu jkunu applikati b'ħeffa; filwaqt li, fin-nuqqas ta' ftehim ma' pajjiż fornitur fil-limitu taż-żmien provdut, il-Komunità tkun tista', fejn evidenza ċara ta' skappament tkun provduta, tapplika l-aġġustament ekwivalenti.

(10) Importazzjoni ta' prodotti koperti b'din id-Deċiżjoni mill-1 ta' Jannar 2002 ġew assoġġettati għal liċenza skond id-Deċiżjoni 2002/385/KEFA ([1]), kif emendata, li l-ftehim tal-KEFA dwar l-azzar jipprevedi li dawk il-kwantitajiet għandhom ikunu magħduda kontra l-limiti stabbiliti għall-2002 f'din id-Deċiżjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Skop

1. Din id-Deċiżjoni tapplika għall-importazzjoni tal-prodotti ta' l-azzar imniżżla fl-Anness I, li toriġina fil-Federazzjoni Russa.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-prodotti ta' l-azzar għandhom ikunu klassifikati fi gruppi ta' prodotti kif imfisser fl-Anness I.

3. Il-klassifikazzjoni ta' prodotti mniżżla fl-Anness I għandhom ikunu bażati fuq in-Nomenklatura Magħquda (NM). Il-proċeduri għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu huma mniżżla fil-Parti I ta' l-Anness II.

4. L-oriġini tal-prodotti imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu determinati skond ir-regoli fis-seħħ fil-Komunità.

5. Il-proċeduri għall-verifika ta' l-oriġini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 huma mniżżla fl-Annessi II u III u fil-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità fis-seħħ.

Artikolu 2

Limiti kwantitattivi

1. L-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti ta' l-azzar imniżżla fl-Anness I li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa għandhom ikunu assoġġettati għal limiti kwantitattivi annwali mniżżla fl-Anness IV. Il-ħelsien għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tal-prodotti mniżżla fl-Anness I li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa għandhom ikunu assoġġettati għall-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4.

L-importazzjonijiet awtorizzati għandhom ikunu magħduda kontra l-limiti kwantitattivi mniżżla għas-sena li fiha l-prodotti jkunu mibgħuta bil-baħar fil-pajjiż esportatur.

2. Sabiex ikun żgurat li kwantitajiet li għalihom awtorizzazzjonijiet għal importazzjoni jinħarġu ma jaqbżux fi kwalunkwe mument il-limiti kwantitattivi totali għal kull grupp ta' prodotti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni biss wara konferma mill-Kummissjoni li jkun għad hemm kwantitajiet disponibbli fil-limiti kwantitattivi għall-grupp ta' prodotti rilevanti ta' prodotti ta' l-azzar fir-rigward tal-pajjiż fornitur, li għalihom importatur jew importaturi jkunu ssottomettew applikazzjonijiet lill-awtoritajiet imsemmija.

([1]) ĠU L 345, tad-29.12.2001, p. 71.

▼B

3. Importazzjoni ta' prodotti mill-1 ta' Jannar 2002, li għalihom liċenza kienet meħtieġa skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/932/KEFA, kif emendata, għandhom ikunu magħduda kontra l-limiti rilevanti għall-2002 imniżżla fl-Anness IV.

4. Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni u mid-data ta' l-applikazzjoni tagħha, it-tqegħid ta' prodotti fuq vapur għandhu jkun meqjus bħala li seħħ fid-data li fiha huma tgħabbew fuq il-mezz ta' trasport għall-esportazzjoni.

Artikolu 3

Arranġamenti sospensivi

1. Il-limiti kwantitattivi msemmija fl-Anness IV ma għandhomx japplikaw għal prodotti mqiegħda f'zona ħielsa jew maħżen ħieles jew importati skond l-arranġamenti li jiggvernaw l-imħażen tad-dwana, importazzjoni temporanja jew proċessar 'il ġewwa (sistema sospensiva).

2. Fejn il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 ikunu sussegwentement meħlusa għal ċirkolazzjoni ħielsa, jew fl-istat mhux mibdul jew wara tħaddim jew proċessar, l-Artikolu 2(2) għandu japplika u l-prodotti li jkunu meħlusa b'dan il-mod għandhom ikunu magħduda kontra l-limiti kwantitattivi rilevanti mniżżla fl-Anness IV.

Artikolu 4

Regoli speċifiċi għall-amministrazzjoni ta' limiti kwantitattivi tal-Komunità

1. Sabiex ikun applikat l-Artikolu 2(2), l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, qabel ma joħorġu awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-ammonti tat-talbiet għal awtorizazzjonijiet għall-importazzjoni, sostnuti minn liċenzi oriġinali għall-esportazzjoni, li huma jkunu rċievew. Minn naħa l-oħra, il-Kummissjoni għandha tinnotifika l-konferma tagħha li l-ammont(i) rikjest(i) ta' kwantitajiet huma disponibbli għal importazzjoni fl-ordni kronoloġiku li fih in-notifiki ta' l-Istati Membri kienu riċevuti (“fuq il-bażi li ta' l-ewwel jinqeda l-ewwel”).

2. It-talbiet inklużi fin-notifiki lill-Kummissjoni għandhom ikunu validi jekk huma jistabbilixxu b'mod ċar f'kull każ il-pajjiż esportatur, il-grupp tal-prodott konċernat, l-ammonti li għandhom ikunu importati, in-numru tal-liċenza għall-esportazzjoni, is-sena tal-kwota u l-Istat Membru li fih il-prodotti huma ntiżi li jkunu mqiegħda f'ċirkolazzjoni ħielsa.

3. In-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu komunikati elettronikament fil-qafas integrat imwaqqaf għal dan l-iskop, sakemm għal raġunijiet tekniċi imperattivi ma jkunx meħtieġ li jkunu wżati mezzi ta' komunikazzjoni oħra temporanjament.

4. Sa fejn ikun possibbli, il-Kummissjoni għandha tikkonferma lill-awtoritajiet l-ammont sħiħ indikat fit-talbiet notifikati għal kull grupp ta' prodott ta' prodotti. Barra minn dan, il-Kummissjoni għadha tikkuntattja lill-awtoritajiet Russi immedjatament f'każijiet fejn it-talbiet notifikati jaqbżu l-limiti sabiex jiksbu kjarifika u soluzzjoni b'ħeffa.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni immedjatament wara li jkunu informati dwar kwalunkwe kwantità li ma tkunx użata matul id-dewmien tal-validità ta' l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni. Tali kwantitajiet inutilizzati għandhom ikunu awtomatikament trasferiti fil-kwantitajiet li jkun għad fadal tal-limitu kwantitattiv Komunitarju totali għal kull grupp ta' prodotti.

6. L-awtorizzazzjonijiet għal importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu skond l-Anness II.

▼B

7. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe kanċellament ta' awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti li jkunu diġà nħarġu f'każijiet fejn il-liċenzi korrispondenti ta' l-esportazzjoni jkunu ġew revokati jew kanċellati mill-awtoritajiet kompetenti Russi. Iżda, jekk il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkunu ġew informati mill-awtoritajiet kompetenti Russi dwar ir-revoka jew il-kanċellament ta' liċenza ta' l-esportazzjoni wara li l-prodotti relatati jkunu ġew imporati fil-Komunità, il-kwantitajiet in kwestjoni għandhom ikunu għamlu tajjeb għal-limiti kwantitattivi għas-sena li matula seħħ it-tqegħid ta' prodotti fuq il-vapur.

8. Il-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe miżura sabiex timplimenta d-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 5

Statistika

1. Fir-rigward tal-prodotti ta' l-azzar imniżżla fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull xahar, fi żmien xahar mill-aħħar ta' kull xahar, il-kwantitajiet totali li jkunu daħlu f'ċirkolazzjoni ħielsa matul dak ix-xahar, billi jindikaw il-kodiċi tan-nomenklatura kombinata u billi jużaw il-*units* ta' l-istatistika u, fejn ikun xiearq, *units* supplimentari wżati f'dak il-kodiċi. L-importazzjonijiet għandhom ikunu mqsuma skond il-proċeduri ta' l-istatistika fis-seħħ.

2. Sabex ikun possibbli li t-tendenzi fis-suq tal-prodotti koperti min din id-Deċiżjoni jkunu mmonitorjati, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel il-31 ta' Marzu kull sena, data ta' l-istatistika dwar l-importazzjonijiet tas-sena ta' qabel.

Artikolu 6

Ċirkumvenzjoni

1. Fejn, wara l-inkjesti li jkuu saru skond il-proċeduri mniżżla fl-Anness III, il-Kummissjoni tinnota li l-informazzjoni li jkollha fil-pussess tagħha tikkostitwixxi prova li prodotti mniżżla fl-Annss I li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa kienu trasbordati, tbidlitilhom ir-rotta jew kienu mportati b'mod ieħor fil-Komunità permezz ta' ċirkumvenzjoni ta' tali limiti kwantitattivi u li jeħtieġ li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa, hi għandha tirrikjedi li jinfetħu konsultazzjonijiet sabiex jintlaħaq ftehim dwar aġġustament ekwivalenti tal-limiti kwantitattivi korrispondenti.

2. Fl-istennija tar-riżultat tal-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Federazzjoni Russa sabiex tieħu l-passi ta' prekawzjoni meħtieġa sabiex tiżgura li aġġustamenti għal-limiti kwantitattivi mifthiema wara tali konsultazzjonijiet jkunu jistgħu jkunu eżegwiti għas-sena li fiha t-talba għal konsultazzjonijiet kienet imressqa jew għas-sena ta' wara, jekk il-limiti kwantitativi għas-sena korrenti jkunu eżawriti, fejn ikun hemm evidenza ċara ta' ċirkumvenzjoni.

3. Jekk il-Komunità u l-Federazzjoni Russa ma jirnexxilhomx jaslu għal soluzzjoni sodisfaċenti u jekk il-Kummissjoni tinnota li hemm evidenza ċara ta' ċirkumvenzjoni, hi għandha tnaqqas mil-limiti kwantitattivi volum ekwivalenti ta' prodotti li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa.

Artikolu 7

Disposizzjonijiet finali

Emendi għall-annessi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tqies il-konklużjoni, emendament jew skadenza ta' ftehim mal-Federazzjoni Russa, aġġustamenti għal-limiti kwantitattivi magħmula skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-ftehim tal-KEFA mal-Federaazzjoni Russa dwar l-azzar,

▼B

jew emendi magħmula għar-regoli tal-Komunità dwar l-istatistika, arranġamenti dwar id-dazji jew regoli għal importazzjoni komuni, għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni Ewropea.

▼M2

Artikolu 7a

Fir-rigward tar-rilaxx għall-moviment ħieles fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, u s-Slovakkja minn l-1 ta' Mejju 2004 tal-prodotti ta'l-azzar koperti minn din id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, liċenzja ta' importazzjoni hija meħtieġa, anki jekk il-prodotti ta'l-azzar intbagħtu qabel dik id-data. Jekk il-prodotti ta'l-azzar jintbagħtu lil Stat Membru ġdid qabel l-1 ta' Mejju 2004, il-liċenzja ta'l-importazzjoni tinħareġ awtomatikament mingħar limitazzjoni kwantitattiva meta tiġi ppreżentata l-polza tat-tagħbija jew dokument ieħor ta' trasport meqjus ekwivalenti mill-uffiċċji tal-liċenzji tal-Komunità li jagħtu prova tad-data ta'l-ispedizzjoni u wara l-approvazzjoni mill-uffiċċju tal-Kummissjoni responsabbli għall-liċenzji (SIGL). Jekk il-prodotti ta'l-azzar jintbagħtu lil Stat Membru Ġdid fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara, huma suġġetti għar-regoli speċifiċi li jirregolaw il-limiti kwantitattivi kif definiti f'din id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

▼B

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni ma għandha bl-ebda mod tikkostitwixxi deroga mid-disposizzjonijiet tal-ftehim bilaterali dwar l-azzar tal-KEFA dwar negozju ta' ċerti prodotti ta' l-azzar li l-Komunità ikkonkludiet mal-Federazzjoni Russa u li, f'kull każ ta' kunflitt, għandu jipprevali.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ u għandha tapplika fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Din id-Deċiżjoni għandha torbot fl-intier tagħha u tapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M1**

L-ANNESS I

SA — Prodotti Llaminati Ċatti

SA1 — Rollijiet

7208 10 00
7208 25 00
7208 26 00
7208 27 00
7208 36 00
7208 37 90
7208 38 90
7208 39 90

7211 14 10

7211 19 20
7219 11 00
7219 12 10
7219 12 90
7219 13 10
7219 13 90
7219 14 10
7219 14 90

7225 20 20
7225 30 00

SA1a — *Rollijiet illaminati fis-sħana għar-rilanimazzjoni*

7208 37 10
7208 38 10
7208 39 10

SA2 — Pjanċi tqal

7208 40 10
7208 51 10
7208 51 30
7208 51 50
7208 51 91
7208 51 99
7208 52 10
7208 52 91
7208 52 99
7208 53 10

7211 13 00

SA3 — Prodotti llaminati ċatti oħra

7208 40 90
7208 53 90
7208 54 10
7208 54 90
7208 90 10
7209 15 00
7209 16 10
7209 16 90
7209 17 10
7209 17 90
7209 18 10
7209 18 91
7209 18 99
7211 19 90
7211 23 51
7211 29 20
7211 90 11

▼M1

7209 25 00
7209 26 10
7209 26 90
7209 27 10

7209 27 90
7209 28 10
7209 28 90
7209 90 10
7210 11 10
7210 12 11
7210 12 19
7210 20 10
7210 30 10
7210 41 10
7210 49 10
7210 50 10
7210 61 10
7210 69 10
7210 70 31

7210 70 39
7210 90 31
7210 90 33
7210 90 38
7211 14 90

7212 10 10
7212 10 91
7212 20 11
7212 30 11
7212 40 10
7212 40 91
7212 50 31
7212 50 51
7212 60 11
7212 60 91
7219 21 10
7219 21 90
7219 22 10
7219 22 90
7219 23 00
7219 24 00
7219 31 00
7219 32 10
7219 32 90
7219 33 10
7219 33 90
7219 34 10
7219 34 90
7219 35 10
7219 35 90

7225 40 80

SA4 — Prodotti lligati

7226 20 20
7226 91 10
7226 91 90
7226 99 20

SA5 — Pjanċi quarto illiegati

7225 40 20
7225 40 50
7225 99 10

SA6 — Alloyed cold-rolled and coated sheets

7225 50 00
7225 91 10
7225 92 10

▼M1

7226 92 10

SB — Prodotti twal

SB1 — Travi

7207 19 31
7207 20 71

7216 31 11
7216 31 19
7216 31 91
7216 31 99
7216 32 11
7216 32 19
7216 32 91
7216 32 99
7216 33 10
7216 33 90

SB2 — Virga tal-wajer

7213 10 00
7213 20 00
7213 91 10
7213 91 20
7213 91 41
7213 91 49
7213 91 70
7213 91 90
7213 99 10
7213 99 90

7221 00 10
7221 00 90

7227 10 00
7227 20 00
7227 90 10
7227 90 50
7227 90 95

SB3 — Prodotti twal oħra

7207 19 11
7207 19 14
7207 19 16
7207 20 51
7207 20 55
7207 20 57

7214 20 00
7214 30 00
7214 91 10
7214 91 90
7214 99 10
7214 99 31
7214 99 39
7214 99 50
7214 99 61
7214 99 69
7214 99 80
7214 99 90

7215 90 10

7216 10 00
7216 21 00
7216 22 00
7216 40 10
7216 40 90
7216 50 10
7216 50 91
7216 50 99

▼**M1**

7216 99 10

7218 99 20

7222 11 11
7222 11 19
7222 11 21
7222 11 29
7222 11 91
7222 11 99
7222 19 10
7222 19 90
7222 30 10
7222 40 10
7222 40 30

7224 90 31
7224 90 39

7228 10 10
7228 10 30
7228 20 11
7228 20 19
7228 20 30
7228 30 20
7228 30 41
7228 30 49
7228 30 61
7228 30 69
7228 30 70
7228 30 89
7228 60 10
7228 70 10
7228 70 31
7228 80 10
7228 80 90

7301 10 00

▼B

ANNESS II

PARTI I

KLASSIFIKAZZJONI

Artikolu 1

Il-klassifikazzjoni tal-prodotti ta' l-azzar koperti mid-Deċiżjoni hija bażata fuq in-Nomenklatura Magħquda (NM).

Artikolu 2

Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, it-taqsima tat-tariffi u tan-nomenklatura ta' l-istatistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, li kienet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), kif emendat bl-Artikolu 252 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]), għandha teżamina urġentement, skond d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti msemmija hawn fuq, il-mistoqsijiet kollha li jirrigwardjaw il-klassifikazzjoni ta' prodotti koperti minn din id-Deċiżjoni fin-Nomenklatura Magħquda sabiex takklassifikhom fil-gruppi tal-prodotti xierqa.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Federazzjoni Russa bi kwalunkwe bidla fin-Nomenklatura Magħquda (NM) li tolqot prodotti koperti min din id-Deċiżjoni meta jkunu adottati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti Russi bi kwalunkwe deċiżjoni adottata skond il-proċeduri fis-seħħ fil-Komunità li tkun tirrigwardja l-klassifikazzjoni ta' prodotti koperti minn din id-Deċiżjoni, fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħha l-iktar tard. Tali komunikazzjoni għandha tinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti konċernati;

(b) il-grupp rilevanti tal-prodott, u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (kodiċi NM);

(ċ) ir-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni.

Artikolu 5

1. Fejn deċiżjoni dwar klassifikazzjoni adottata skond il-proċeduri Komunitarji fis-seħħ tirriżulta f'tibdil fil-prattika tal-klassifikazzjoni jew bidla fil-grupp tal-prodott kopert minn din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu avviż ta' 30 ġurnata, mid-data tan-notifika tal-Kummissjoni, qabel id-deċiżjoni ma tiddaħħal fis-seħħ.

2. Prodotti li jintbagħtu bil-vapur qabel id-data ta' l-applikazzjoni tad-deċiżjoni għandhom jibqgħu soġġetti għal prattiċi ta' klassifikazzjoni ta' qabel, basta l-oġġetti in kwestjoni jkunu mdaħħla għall-importazzjoni fi żmien 60 ġurnata minn dik id-data.

Artikolu 6

Fejn deċiżjoni dwar klassifikazzjoni adottata skond il-proċeduri Komunitarji fis-seħħ li għalihom saret riferenza fl-Artikolu 5 ta' dan l-Anness tinvolvi grupp ta' prodotti soġġett għal limitu kwantitattiv, il-Kummissjoni għandha, fejn ikun meħtieġ, tibda konsultazzjonijiet mingħajr dewmien skond l-Artikolu 9 ta' din id-Deċiżjoni, sabiex tilħaq ftehim dwar kwalunkwe aġġustamenti li jkunu meħtieġa għall-limiti kwantitattivi korrispondenti imsemmija fl-Anness IV.

Artikolu 7

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe disposizzjoni oħra fuq dan is-suġġett, fejn il-klassifikazzjoni indikata fid-dokumentazzjoni li tkun meħtieġa

([1]) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
([2]) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

▼B

għall-importazzjoni tal-prodotti koperti minn din id-Deċiżjoni ma tkunx taqbel mal-klassifikazzjoni determinata mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih huma jkunu sejrin ikunu importati, l-oġġetti in kwestjoni għandhom ikunu soġġetti proviżorjament għall-arranġamenti dwar l-importazzjoni li, skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, ikunu applikabbli għalihom fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni determinata mill-awtoritajiet imsemmija hawn fuq.

2. Awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, billi jindikaw b'mod partikolari:

— il-kwantitajiet ta' prodotti involuti;

— il-grupp tal-prodott li jidher fuq id-dokumentazzjoni ta' l-importazzjoni u dik miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti;

— in-numru tal-liċenza ta' l-esportazzjoni u l-kategorija murija.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ma għandhomx joħorġu awtorizzazzjoni għall-importazzjoni ġdida għall-prodotti ta' l-azzar soġġetti għal limitu kwantitattiv Komunitaju imsemmi fl-Anness IV wara li jkun klassifikat mill-ġdid sakemm ma jkunux kisbu konferma mill-Kummissjoni li l-ammonti li jkunu sejrin ikunu importati huma disponibbli skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi esportaturi konċernati l-każijiet imsemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 8

Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 7, kif ukoll f'dawk il-każijiet ta' natura simili mqajjma mill-awtoritajiet kompetenti Russi, il-Kummissjoni, jekk ikun meħtieġ, għandha tidħol f'konsultazzjonijiet mar-Russja, sabiex tilħaq ftehim dwar il-klassifikazzjoni li tkun applikabbli definittivament għall-prodotti involuti fid-diżgwid.

Artikolu 9

Il-Kummissjoni, bi qbil ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru jew l-Istati Membri importatur/i u tar-Russja, tkun tista', fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 8, tiddetermina l-klassifikazzjoni li tkun applikabbli definittivament għall-prodotti involuti fid-diżgwid.

Artikolu 10

Fejn każ ta' diżgwid imsemmi fl-Artikolu 7 ma jkunx jista' ikun risolt skond l-Artikolu 9, il-Kummissjoni għandha tadotta, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 10 ta-Regolament (KEE) Nru 2658/87, miżura li tistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda.

PARTI II

SISTEMA TA' IĊĊEKKJAR DOPPJU

(sabiex ikunu amministrati limiti kwantitattivi)

Artikolu 11

1. L-awtoritajiet kompetenti Russi għandhom joħorġu liċenza għall-esportazzjoni fir-rigward tal-kunsinni kollha ta' azzar soġġetti għal-limiti kwantitattivi mniżżla fl-Anness IV sal-livell tal-limiti msemmija.

2. L-oriġinal tal-liċenza ta' l-esportazzjoni għandu jkun preżentata mill-importatatur għall-iskopijiet tal-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 14.

Artikolu 12

1. Il-liċenza ta' l-esportazzjoni għal limiti kwantitattivi għandha tikkonforma mal-kampjun li jidher fl-Appendiċi I ta' dan l-Anness u għandha tiċċertifika, inter alia, li l-kwantità ta' oġġetti in kwestjoni tkun tagħmel tajjeb għal-limitu kwantitattiv stabbilit għall-grupp tal-prodott konċernat.

▼B

2. Kull liċenza ta' l-esportazzjoni għandha tkopri biss wieħed mill-gruppi ta' l-oġġetti mniżżla fl-Anness I.

Artikolu 13

Esporti għandhom jagħmlu tajjeb għal-limiti kwantitattivi stabbiliti għas-sena li fiha l-prodotti koperti mil-liċenza ta' l-esportazzjoni jkunu ntbagħtu bil-vapur skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tad-Deċiżjoni.

Artikolu 14

1. Jekk il-Kummissjoni skond l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tkun ikkonfermat li l-ammont mitlub huwa disponibbli fil-limitu kwantitattiv in kwestjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjoni għall-importazzjoni fi żmien massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol mill-preżentazzjoni mill-importatur ta' l-oriġinal tal-liċenza korrispondenti għall-esportazzjoni. Din il-preżentazzjoni għandha ssir sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara dik li fiha l-oġġetti koperti mil-liċenza jkunu ntbagħtu bil-vapur. Awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru irrespettivament mill-Istat Membru indikat fuq il-liċenza ta' l-esportazzjoni, jekk il-Kummissjoni, skond l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni, tkun ikkonfermat li l-ammont mitlub ikun disponibbli fil-limitu kwantitattiv in kwestjoni.

2. L-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni għandhom ikunu validi għal erba' xhur mid-data tal-ħruġ tagħhom. Fuq talba minn importatur li tkun motivata kif jixraq, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkunu jistgħu jestendu d-dewmien tal-validità għal perijodu ieħor li ma jaqbiżx xahrejn. Tali estensjonijiet għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, importatur ikun jista' jitlob perjodu ta' estensjoni ieħor. Dawn it-talbiet eċċezzjonali jistgħu jingħataw biss b'deċiżjoni meħuda skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni.

3. Awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni għandhom ikunu magħmula fil-formola li tidher fl-Appendiċi II ta' dan l-Anness u għandhom ikunu validi fit-territorju doganali kollu tal-Komunità.

4. Id-dikarazzjoni jew talba magħmula mill-importatur sabiex jingħata l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni għandha jkollha:

(a) l-isem u l-indirizz sħaħ ta' l-esportatur;

(b) l-isem u l-indirizz sħaħ ta' l-importatur;

(ċ) id-deskrizzjoni eżatta ta' l-oġġetti u l-kodiċi NM;

(d) il-pajjiż ta' l-oriġini ta' l-oġġetti;

(e) il-pajjiż tal-kunsinna;

(f) il-grupp tal-prodott adattat u l-kwantità fil-*unit* adattat kif indikat fl-Anness IV tad-Deċiżjoni għall-prodotti in kwestjoni;

(g) il-piż nett bit-titlu tan-NM;

(h) il-valur tas-cif tal-prodotti fil-fruntiera tal-Komunità bit-titlu tan-NM (kif indikat fil-kaxxa 13 tal-liċenza ta' l-esportazzjoni);

(i) jekk il-prodotti konċernati humiex sekinds jew ta' kwalità inferjuri;

(j) fejn ikun xieraq, id-dati tal-ħlas u tal-kunsinna u kopja tal-polza tat-tagħbija u tal-kuntratt tax-xiri;

(k) id-data u n-numru tal-liċenza għall-esportazzjoni;

(l) kwalunkwe kodiċi intern użat għal skopijiet amministrattivi;

(m) id-data u l-firma ta' l-importatur.

5. L-importaturi ma għandhomx ikunu mġiegħla sabiex jimportaw il-kwantità totali koperta minn awtorizzazzjoni għall-importazzjoni f'kunsinna waħda.

Artikolu 15

Il-validità ta' awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom ikunu soġġetti għall-validità tal-u l-kwantitajiet indi-

▼B

kati fil-liċenzi ta' l-esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti Russi li fuq il-bażi tagħhom l-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni jkunu nħarġu.

Artikolu 16

Awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri skond l-Artikolu 2(2) u mingħajr diskriminazzjoni kontra kwalunkwe importatur fil-Komunità ikun fejn ikun l-post ta' l-istabbiliment tiegħu fil-Komunità, mingħajr preġudizzju għall-osservanza ta' kondizzjonijiet oħra imposti taħt regoli korrenti.

Artikolu 17

1. Jekk il-Kummissjoni ssib li l-kwantitajiet totali koperti minn liċenzi ta' l-esportazzjoni maħruġa mir-Russja għal grupp partikolari ta' prodotti fi kwalunkwe sena tal-ftehim jaqbżu l-limitu kwantitattiv stabbilit għal dak il-grupp ta' prodotti, l-awtoritajiet kompetenti tal-liċenza fl-Istati Membri għandhom ikunu informati immedjatament sabiex jissospendu ħruġ ieħor ta' awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni. F'din l-eventwalità, konsultazzjonijiet għandhom jinbdew għal dan l-iskop mal-Kummissjoni.

2. L-awtoritajiet kopetenti ta' Stat Membru għandhom jirrifjutaw li joħorġu awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni għal prodotti li joriġinaw fir-Russja li ma jkunux koperti minn liċenzi ta' l-esportazzjoni maħruġa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness.

PARTI III

DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 18

1. Il-liċenza ta' l-esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan l-Anness u ċ-ċertifikat ta' l-oriġini (kampjun mehmuż) jistgħu jinkludu kopji addizzjonali indikati kif imiss bħala tali. Huma għandhom ikunu bl-Ingliż.

2. Jekk id-dokumenti msemmija hawn fuq jkunu kkompletati bl-id, l-entrati jridu jsiru bil-linka u b'ittri kbar.

3. Il-liċenzi ta' l-esportazzjoni jew dokumenti ekwivalenti u ċertifikati ta' l-oriġini għandhom ikunu tad-daqs 210 x 297 mm. Il-karta għandha tkun karta tal-kitba bajda, imwebbsa, mingħajr polpa mekkanika u tiżen mhux inqas minn 25 g/m2. Kull parti għandha jkollha sfond b'disinn ornamentali stampat sabiex jiżvela kwalunkwe falsifikazzjoni permezz ta' mezzi mekkaniniċi jew kimiċi li tidher bl-għajn.

4. L-oriġinal biss għandu jkun aċċettat mill-awtoritajiet kompetenti fil-Komunità bħala validu għall-iskopijiet ta' importazzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.

5. Kull liċenza ta' l-esportazzjoni jew dokument ekwivalenti u ċ-ċertifikat ta' l-oriġini għandhom ikollhom numru tas-serje standardizzat, ikun jew ma jkunx stampat, li permezz tiegħu jkunu jistgħu ikunu identifikati.

6. Dan in-numru għandu jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

— żewġ ittri li jidentifikaw lill-pajjiż esportatur kif ġej:

RU= Il-Federazzjoni Russa

▼A1

— żewġ ittri li jiddentifikaw l-Istat Membru tad-destinazzjoni intenzjonata kif ġej:

B = Il-Belgju

CZ = Ir-Repubblika Ċeka

DK = Id-Danimarka

DE = Il-Ġermanja

EE = L-Estonja

EL = Il-Greċja

ES = Spanja

FR = Franza

▼A1

IE = L-Irlanda
IT = L-Italja
CY = Ċipru
LV = Il-Latvja
LT = Il-Litwanja
LU = Il-Lussemburgu
HU = L-Ungerija
MT = Malta
NL = L-Olanda
AT = L-Awstrija
PL = Il-Polonja
PT = Il-Portugall
SI = Is-Slovenja
SK = Is-Slovakkja
FI = Il-Finlandja
SE = L-Isvezja
GB = Ir-Renju Unit.

▼B

— numru b'figura waħda li jidentifika s-sena tal-kwota li tikkorrispondi għall-aħħar figura fis-sena in kwestjoni, p.e. "2" għal 2002;

— numru b'żewġ figuri li jidentifika l-uffiċju tal-ħruġ fil-pajjiż esportatur;

— numru b'ħames figuri li jikber konsekuttivament minn 00001 sa 99999 allokat lill-Istat Membru destinatarju.

Artikolu 19

Il-liċenza għall-esportazzjoni u ċ-ċertifikat ta' l-oriġini jistgħu jinħarġu wara li l-prodotti li għalihom jirrelataw jintbagħtu bil-vapur. F'tali każijiet huma għandhom ikollhom imniżżel "maħruġ/a retrospettivament."

Artikolu 20

Fil-każ tas-serq, telf jew distruzzjoni ta' liċenza ta' l-esportazzjoni jew ċertifikat ta' l-oriġini, l-esportatur ikun jista' japplika lill-awtorità kompetenti li tkun ħarġet id-dokument sabiex isir dupplikat fuq il-bażi tad-dokumenti ta' l-esportazzjoni fil-pussess tiegħu. Id-duplikat tal-liċenza jew iċ-ċertifikat maħruġ b'dan il-mod għandhom ikollhom imniżżel "duplikat".

Id-duplikat għandu jkollu d-data tal-liċenza jew taċ-ċertifikat oriġinali.

PARTI IV

LIĊENZA TAL-KOMUNITÀ GĦALL-IMPORTAZZJONI - FORMOLA KOMUNI

Artikolu 21

1. Il-formoli li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri (lista mehmuża ma' dan l-Anness) sabiex joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 għandhom jikkonformaw mal-kampjun tal-liċenza ta' l-importazzjoni li jidher fl-Appendiċi II ta' dan l-Anness.

2. Il-formoli tal-liċenzi ta' l-importazzjoni u l-estratti tagħhom għandhom isiru b'duplikat, kopja waħda, immarkata "Kopja tad-detentur" u li jkollha n-numru 1 għandha tinħareġ lill-applikant, u l-oħra, immarkata "Kopja għall-awtorità tal-ħruġ" u li jkollha n-numru 2, għandha tinżamm mill-awtorità li tkun ħarġet il-liċenza. Għal skopijiet amministrattivi l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżiedu kopji addizzjonali għall-formola 2.

3. Il-formoli għandhom ikunu stampati fuq karta bajda mingħajr polpa mekkanika, adattata għall-kitba u tiżen bejn 55 u 65 g/m2. Id-daqs tagħhom għandu jkun ta' 210 x 297 mm; l-ispazzju tat-tipa bejn il-linji għandu jkun ta' 4,24 mm

▼B

(wieħed minn sitt partijiet ta' pulzier); it-taqsim tal-formoli għandu jkun segwit bi preċiżjoni. Iż-żewġ naħat tal-kopja Nru 1, li hija l-liċenza nnifisha, għandha barra minn dan ikollha sfond b'disinn ornamentali aħmar stampat sabiex jiżvela kwalunkwe falsifikazzjoni permezz ta' mezzi mekkaniniċi jew kimiċi.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu reponsabbli sabiex jistampaw il-formoli. Il-formoli jistgħu jkunu stampati wkoll minn stampaturi appuntati mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti. F'dan il-każ ta' l-aħħar, riferenza għall-appuntament mill-Istat Membru għandha tidher fuq kull formola. Kull formola għandha jkollha identifikazzjoni ta' l-isem u l-indirizz ta' l-istampatur jew marka li tagħmilha possibbli li jkun identifikat l-istampatur.

5. Fil-mument tal-ħruġ tagħhom il-liċenzi ta' l-importazzjoni jew estratti għandhom jingħataw numru tal-ħruġ determinat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat membru. In-numru tal-liċenza għall-importazzjoni għandu jkun notifikat lill-Kummissjoni elettronikament fil-qafas integrat imwaqqaf taħt l-Artikolu 4.

6. Liċenzi jew estratti għandhom ikunu kompletati fil-lingwa uffiċjali, jew waħda mil-lingwi uffiċjali, ta' l-Istat Membru li joħorġuhom.

7. Fil-kaxxa 10 l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw il-grupp tal-prodott ta' l-azzar adattat.

8. Il-marki ta' l-aġenziji tal-ħruġ u l-awtoritajiet addebitanti għandhom isiru permezz ta' timbru. Iżda, stampar b'tipi mqabbża flimien ma' ittri u figuri li jsiru permezz tat-titqib, jew stampar fuq il-liċenza jistgħu jieħdu l-post tat-timbru ta' l-awtorità tal-ħruġ. L-awtoritajiet tal-ħruġ għandhom jużaw kwalunkwe metodu kontra t-tbagħbis sabiex tkun reġistrata l-kwantità allokata b'mod li jagħmilha impossibli jiddaħħlu fuguri jew riferenzi (p.e. EUR 1 000).

9. Il-faċċata ta' wara tal-kopja Nru 1 u l-kopja Nru 2 għandhom ikollhom kaxxa li fiha jkunu jistgħu jitniżżlu kwantitajiet, jew mill-awtoritajiet taddwana meta jkunu kompletati l-formalitajiet ta' l-importazzjoni, jew mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti meta jinħareġ estratt.

Jekk l-ispazju li jkun fadal għal debiti fuq liċenza jew estratt tagħha ma jkunx biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jehemżu paġna ta' estensjoni waħda jew iktar li jkollha/hom kaxxi bħal dawk tal-faċċata ta' wara tal-kopja Nru 1 u l-kopja Nru 2 tal-liċenza jew l-estratt. L-awtoritajiet addebitanti għandhom ipoġġu t-timbru tagħhom b'mod li nofsu jkun fuq il-liċenza jew l-estratt tagħha u nofsu jkun fuq il-paġna ta' estensjoni. Jekk ikun hemm iktar minn paġna waħda ta' estensjoni, timbru ieħor għandu jitpoġġa bl-istess mod fuq kull paġna u l-paġna ta' qabel.

10. Liċenzi ta' l-importazzjoni u estratti maħruġa, u entrati u firem magħmula, mill-awtoritajiet ta' Stat Membru wieħed għanhom ikollhom l-istess effett legali f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra bħal dokumenti maħruġa, u entrati u dikjarazzjonijiet magħmula, mill-awtoritajiet ta' tali Stati Membri.

11. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati jistgħu, fejn ikun indispensabbli, jitolbu li l-kontenuti ta' liċenzi jew estratti jkunu tradotti fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

▼B

LIĊENZJA GĦALL-ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA GĦALL-ESPORTAZZJONI** (Prodotti tal-KEFA)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Pajjiż tad-destinazzjoni
8. Post u data tat-tqegħid fuq il-vapur -mezz tat-trasport	9. Detalji supplimentari	

10. Descrizzjoni ta' l-oġġetti – fabbrikant	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur fob (2)

14. Ċertifikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn ġew iċċarġjati kontra l'limitu kwantitattiv stabbilit għas-sena li tidher fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott li jidhe fil kaxxa Nru 4 mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw n-negozju ta' prodotti tal-KEFA mal Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	Fil- ..... fil- ..... (Firma) (Timbru)

(1) Uri piż nett (kg) u anka l-kwantità fil-unit preskritt fejn tkun differenti mill-piż net
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ

▼B

LIĊENZJA GĦALL-ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA GĦALL-ESPORTAZZJONI** (Prodotti tal-KEFA)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Pajjiż tad-destinazzjoni
8. Post u data tat-tqegħid fuq il-vapur -mezz tat-trasport	9. Detalji supplimentari	

10. Descrizzjoni ta' l-oġġetti – fabbrikant	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur fob (2)

14. Ċertifikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn ġew iċċarġjati kontra l'limitu kwantitattiv stabbilit għas-sena li tidher fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott li jidhe fil kaxxa Nru 4 mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw n-negozju ta' prodotti tal-KEFA mal Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	Fil- ..... fil- ..... (Firma) (Timbru)

(1) Uri piż nett (kg) u anka l-kwantità fil-unit preskritt fejn tkun differenti mill-piż net
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ

▼B

LIĊENZJA GĦALL-ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA GĦALL-ESPORTAZZJONI** (Prodotti tal-KEFA)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Pajjiż tad-destinazzjoni
8. Post u data tat-tqegħid fuq il-vapur -mezz tat-trasport	9. Detalji supplimentari	

10. Descrizzjoni ta' l-oġġetti – fabbrikant	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur fob (2)

14. Ċertifikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti

Jien, hawn taht iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn ġew iċċarġjati kontra l'limitu kwantitattiv stabbilit ghas-sena li tidher fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott li jidhe fil kaxxa Nru 4 mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw n-negozju ta' prodotti tal-KEFA mal Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	Fil- ..... fil- ..... (Firma) (Timbru)

(1) Uri piż net (kg) u anka l-kwantità fil-unit preskritt fejn tkun differenti mill-piż net
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ

▼B

LIĊENZJA GĦALL-ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA GĦALL-ESPORTAZZJONI** (Prodotti tal-KEFA)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Pajjiż tad-destinazzjoni
8. Post u data tat-tqegħid fuq il-vapur -mezz tat-trasport	9. Detalji supplimentari	

10. Descrizzjoni ta' l-oġġetti – fabbrikant	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur fob (2)

14. Ċertifikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn ġew iċċarġjati kontra l'limitu kwantitattiv stabbilit għas-sena li tidher fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott li jidhe fil kaxxa Nru 4 mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw n-negozju ta' prodotti tal-KEFA mal Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	Fil- ..... fil- ..... (Firma) (Timbru)

(1) Uni piż nett (kg) u anka l-kwantità fil-unit preskritt fejn tkun differenti mill-piż net
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ

▼A1

LISTA DE LAS AUTORIDADES NACIONALES COMPETENTES

SEZNAM PŘÍSLUŠNÝCH VNITROSTÁTNÍCH ORGÁNŮ

LISTE OVER KOMPETENTE NATIONALE MYNDIGHEDER

LISTE DER ZUSTÄNDIGEN BEHÖRDEN DER MITGLIEDSTAATEN

RIIKLIKE PÄDEVATE ASUTUSTE NIMEKIRI

ΔΙΕΥΘΥΝΣΕΙΣ ΤΩΝ ΑΡΧΩΝ ΕΚΔΟΣΗΣ ΑΔΕΙΩΝ ΤΩΝ ΚΡΑΤΩΝΜΕΛΩΝ

LIST OF THE COMPETENT NATIONAL AUTHORITIES

LISTE DES AUTORITÉS NATIONALES COMPÉTENTES

ELENCO DELLE COMPETENTI AUTORITÀ NAZIONALI

VALSTU KOMPETENTO IESTĀŽU SARAKSTS

ATSAKINGŲ NACIONALINIŲ INSTITUCIJŲ SĄRAŠAS

AZ ILLETÉKES NEMZETI HATÓSÁGOK LISTÁJA

LISTA TA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI NAZZJONALI

LIJST VAN BEVOEGDE NATIONALE INSTANTIES

LISTA WŁAŚCIWYCH ORGANÓW KRAJOWYCH

LISTA DAS AUTORIDADES NACIONAIS COMPETENTES

SEZNAM PRISTOJNIH NACIONALNIH ORGANOV

ZOZNAM PRÍSLUŠNÝCH ŠTÁTNYCH ORGÁNOV

LUETTELO TOIMIVALTAISISTA KANSALLISISTA VIRANOMAISISTA

FÖRTECKNING ÖVER BEHÖRIGA NATIONELLA MYNDIGHETER

▼B

BELGIQUE/BELGIË

Ministère des affaires économiques
Administration des relations économiques
Services Licences
Rue Général Leman 60
B-1040 Bruxelles
Fax (32-2) 230 83 22

Ministerie van Economische Zaken
Bestuur van de Economische Betrekkingen
Dienst Vergunningen
Generaal Lemanstraat 60
B-1040 Brussel
Fax (32-2) 230 83 22

▼A1

ČESKÁ REPUBLIKA

Ministerstvo průmyslu a obchodu České republiky
Licenční správa
Na Františku 32
110 15 Praha 1
Fax: +420 22 422 1811

▼B

DANMARK

Erhvervsfremme Styrelsen
Økonomi- og Erhvervsministeriet
Vejlsøvej 29
DK-8600 Silkeborg
Fax: (45) 35 46 64 01

▼B

DEUTSCHLAND

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle, (BAFA)
Frankfurter Straße 29-35
D-65760 Eschborn 1
Fax (49-6196) 942 26

▼A1

EESTI

Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium
Harju 11
15072 Tallinn
Fax (372) 6 313 660

▼B

ΕΛΛΑΔΑ

Υπουργείο Εθνικής Οικονομίας
Γενική Γραμματεία Διεθνών Σχέσεων
Διεύθυνση Διεθνών Οικονομικών Ροών
Κορνάρου 1
GR-105 63 Αθήνα
Φαξ: (30 10) 328 60 94

ESPAÑA

Ministerio de Economía
Secretaría General de Comercio Exterior
Paseo de la Castellana 162
E-28046 Madrid
Fax: +34-1-563 18 23/349 38 31

FRANCE

Setice
8, rue de la Tour-des-Dames
F-75436 Paris
Cedex 09
Fax (33) 155 07 46 69

IRELAND

Department of Enterprise, Trade and Employment
Import/Export Licensing, Block C
Earlsfort Centre
Hatch Street
Dublin
2
Ireland
Fax (353-1) 631 28 26

ITALIA

Ministero delle Attività produttive
Direzione generale per la Politica commerciale e per la gestione del regime degli scambi
Viale America, 341
I-00144 Roma
Fax (39-06) 59 93 22 35/59 93 26 36

▼A1

ΚΥΠΡΟΣ

Υπουργείο Εμπορίου, Βιομηχανίας και Τουρισμού
(Ministry of Commerce, Industry and Tourism)
Υπηρεσία Εμπορίου
Οδός Ανδρέα Αραούζου Αρ. 6
1421 Λευκωσία
Φαξ: +357-22-375120

▼A1

LATVIJA

Latvijas Republikas Ekonomikas ministrija
Brīvības iela 55
Rīga
LV 1519
Fax +371 7280882

LIETUVA

Lietuvos Respublikos ūkio ministerija
Užsienio prekybos departamentas
Gedimino pr. 38/2
LT - 2600 Vilnius
Fax: +370 5 262 39 74

▼B

LUXEMBOURG

Ministère des affaires étrangères
Office des licences
BP 113
L-2011 Luxembourg
Fax (352) 46 61 38

▼A1

MAGYAROSZÁG

Gazdasági és Közlekedési Minisztérium
Engedélyezési és Közigazgatási Hivatal
Engedélyezési Főosztály
Margit körút 85
1024 Budapest
Fax: +36-1 336 7302

MALTA

Diviżjoni għall-Kummerċ
Servizzi Kummerċjali
Lascaris
Valletta CMR02
Fax: +356 25690299

▼B

NEDERLAND

Belastingdienst/Douane centrale dienst voor in- en uitvoer
Postbus 30003, Engelse Kamp 2
9700 RD Groningen
Nederland
Fax (31) 505 26 06 98
m.i.v. 18.1.2002
Fax (31) 505 23 23 41

ÖSTERREICH

Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit
Aussenwirtschaftsadministration
Landstrasser Hauptstraße 55-57
A-1030 Wien
Fax + 43-1-711 00/8386

▼A1

POLSKA

Ministerstwo Gospodarki, Pracy i Polityki Społecznej
Departament Administrowania Obrotem Towarami i Usługami
Plac Trzech Krzyży 3/5
00-507 Warszawa
Fax: +48 22 693 40 22

▼B

PORTUGAL

Ministério da Economia
Direcção-Geral das Relações Económicas Internacionais
Alfândega de Lisboa, Largo do Terreiro do Trigo
P-1100 Lisboa
Fax: (351-21) 881 42 61

▼A1

SLOVENIJA

Ministrstvo za gospodarstvo
Področje ekonomskih odnosov s tujino
Kotnikova 5
SI - 1000 Ljubljana
Fax: +386 1 478 3611

SLOVENSKO

Ministerstvo hospodárstva Slovenskej republiky
Sekcia obchodných vzťahov a ochrany spotrebiteľa
Mierová 19
Bratislava
Tel: +421 2 4854 2161
Fax: +421 2 4854 3116

▼B

SUOMI

Tullihallitus
PL 512
FIN-00101 Helsinki
Faksi (358-9) 614 28 52

SVERIGE

Kommerskollegium
Box 6803
S-113 86 Stockholm
Fax: (46-8) 30 67 59

UNITED KINGDOM

Department of Trade and Industry
Import Licensing Branch
Queensway House, West Precinct
Billingham
Cleveland
TS23 2NF
United Kingdom
Fax (44) 1642 533 557

▼B

ANNESS III

KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 1

Il-Kummissjoni għandha tforni lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri bl-ismijiet u l-indirizzi ta' awtoritajiet fir-Ruusja li jkunu kompetenti sabiex joħorġu ċertifikati ta' l-oriġini u liċenzi ta' l-esportazzjoni flimkien ma' kampjuni tat-timbri wżati minn dawn l-awtoritajiet.

Artikolu 2

Għal prodotti ta' l-azzar soġġetti għal sistema ta' iċċekkjar doppju l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fi żmien l-ewwel għaxart ijiem ta' kull xahar il-kwantitajiet totali, fil-*units* adattati u bil-pajjiż ta' l-oriġini u bil-grupp tal-prodotti, li għalihom awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni jkunu nħarġu matul ix-xahar ta' qabel.

Artikolu 3

1. Verifika sussegwenti ta' ċertifikati ta' l-oriġini jew ta' liċenzi ta' l-esportazzjoni għandha titwettaq kif jinzerta, jew kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità ikollhom dubbju raġjonevoli dwar l-awtentiċità taċ-ċertifikat ta' l-oriġini jew tal-liċenza ta' l-esportazzjoni jew ta' l-eżattezza ta' l-informazzjoni li tirrigwardja l-oriġini vera tal-prodotti in kwestjoni.

F'tali każijiet l-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità għandhom jirritornaw iċ-ċertifikat ta' l-oriġini jew l-liċenza ta' l-esportazzjoni jew kopja tagħhom lill-awtorità governattiva Russa kompetenti, billi jatu, fejn ikun xieraq, ir-raġunijiet għall-forma jew sustanza ta' inkjesta. Jekk il-fattura tkun ġiet sottomessa, tali fattura jew kopja tagħha għandha tinhemeż maċ-ċertifikat ta' l-oriġini jew mal-liċenza ta' l-esportazzjoni jew ma' kopja tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibgħatu wkoll kwalunkwe informazzjoni li tkun ġiet offruta li tissuġġerixxi li l-partikolarijiet mogħtija fuq l-imsemmi ċertifikat jew fuq l-imsemmija liċenza huma ineżatti.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw ukoll għal verifiki sussegwenti ta' dikjarazzjonijiet ta' l-oriġini.

3. Ir-riżultati tal-verifiki sussegwenti mwettqa skond il-paragrafu 1 għandhom ikunu komunikati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità fi żmien tliet xhur l-iktar tard. L-informazzjoni komunikata għandha tindika jekk iċ-ċertifikat, liċenza jew dikjarazzjoni kkontestata tapplikax għall-oġġetti li fil-fatt ikunu ġew esportati u jekk l-oġġetti humiex eliġibbli għal esportazzjoni fil-Komunità taħt din id-Deċiżjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità jistgħu wkoll jitolbu kopji tad-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex ikunu determinati l-fatti b'mod sħiħ, inkluż, b'mod partikolari, l-oriġini ta' l-oġġett [1].

4. Jekk tali verifiki jirrivelaw abbuż jew irregolaritajiet kbar fl-użu ta' dikjarazzjonijiet ta' l-oriġini, l-Istat membru konċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan il-fatt. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati membri l-oħra. Il-Komunità tkun tista' tiddeċiedi li l-importazzjoni tal-prodotti in kwestjoni fil-Komunità għandha tkun akkompanjata minn ċertifikat ta' l-oriġini Russu msemmi fl-Artikolu 18(1) ta' l-Anness II.

5. Użu kif jinzerta tal-proċedura speċifikata f'dan l-Artikolu ma għandux jikkostitwixxi ostaklu għall-ħelsien tal-prodotti in kwestjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa.

Artikolu 4

1. Fejn il-proċedura ta' verifika msemmija fl-Artikolu 2 jew fejn informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità tindika li d-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jkunu qiegħdin ikunu miksura, l-imsemmija awtoritajiet għandhom jitolbu lir-Russja sabiex jagħmlu investigazzjonijiet xierqa jew sabiex jirranġaw sabiex tali investigazzjonijiet isiru dwar operazzjonijiet li huma jew jidhru li huma kontra d-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni. Ir-riżultati ta' dawn

[1] Għall-iskop ta' verifika sussegwenti ta' ċertifikati ta' l-oriġini, kopji taċ-ċertifikati kif ukoll kwalunkwe dokumenti ta' l-esportazzjoni li jirreferu għalihom għandhom jinżammu għal mill-inqas sentejn mill-awtorità governattiva kompetenti f'kull pajjiż esportatur.

▼B

l-investigazzjonijiet għandhom ikunu komunikati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li tgħin sabiex tkun determinata l-oriġini vera ta' l-oġġetti.

2. Fl-azzjoni meħuda skond it-termini ta' dan l-Anness, l-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità jistgħu jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni ma' l-awtoritajiet governattivi kompetenti tar-Russja li tkun konsidrata li tkun utli fil-prevenzjoni tal-ksur tad-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.

3. Fejn ikun stabbilit li d-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jkunu ġew miksura, il-Kummissjoni, billi taġixxi skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni, tista' tieħu, bil-qbil tar-Russja, tali miżuri li jkunu meħtieġa sabiex tipprevjeni ripetizzjoni ta' tali ksur.

Artikolu 5

Il-Kummissjoni għandha tikkordina l-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar l-azzjoni li huma ħadu u dwar ir-riżultati miksuba.

▼M1

L-ANNESS IV

LIMITI KWANTITATTIVI

(kg)

Prodotti	2002	2003	2004
SA — Prodotti Ċatti			
SA1 — Rollijiet	259 000 000	258 436 980	►M3 310 767 ◄
SA1.a — Rollijiet illaminati fis-sħana għar-rilaminazzjoni	485 000 000	517 932 830	►M3 558 839 ◄
SA2 — Pjanċi Tqal	60 000 000	65 700 000	►M3 143 654 ◄
SA3 — Prodotti ċatti oħra	80 000 000	84 505 046	►M3 250 148 ◄
SA4 — Prodotti lligati	90 000 000	92 250 000	►M3 101 120 ◄
SA5 — Pjanċi quarto illiegati	—	20 000 000	►M3 22 208 ◄
SA6 — Alloyed cold rolled and coated sheets	—	95 000 000	►M3 97 561 ◄
SB — Prodotti twal			
SB1 — Travi	15 000 000	15 652 850	►M3 31 440 ◄
SB2 — Virga tal-wajer	60 000 000	61 700 000	►M3 121 783 ◄
SB3 — Prodotti twal oħra	165 000 000	174 680 000	►M3 232 102 ◄

Nota:

SA and SB huma kategoriji ta' prodotti

SA1 to SA6 and SB1 to SB3 are gruppi ta' prodotti.